# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju 1999**

**Numru 24**

**Citaz. numru 890/98 DS**

**Richard Schranz**
**vs**
**Bartholomeo sive Barth Micallef**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Lulju 1993 fejn l-attur wara li ppremetta illi:

L-attur huwa l-propjetarju u pussessur tal-fond "Villa Tamarand", Triq Burgi, High Ridge, St. Andrews, filwaqt li l-konvenut huwa l-propjetarju u/jew pussessur tal-fond adjacenti liema zewg fondi kienu divizi in parte b'hajt tas-sejjieh;

Il-konvenut flimkien ma persuni ohra nkarigiati minnu bil-vjolenza u kontra l-volonta tal-attur waqqa l-hajt tas-sejjieh imsmmi.

Dan l-agir illegali u abussiv da parti tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur.

Nonostante li l-konvenut gie interpellat anke permezz ta' protest gudizzjarju biex jirrintegra lill-attur fil-pussess billi jerga jtella l-hajt tas-sejjieh kif kien originarjament huwa baqa' inadempjenti.

talab lil din il-Qorti, in vista tal-premess:

1. Tiddikjara jekk hemm bzonn li l-konvenut ikkommetta spoll ghad-dannu tal-attur.

2. Tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirrintegra lill-attur fil-pussess billi jerga jtella l-hajt kif kien originarjament taht id-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn ta' perit li jigi ghal dan il-fini nominat.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur biex itella l-hajt tas-sejjieh kif kien originarjament hu stess a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni jekk hemm bzonn ta' perit li jigi ghal dan il-fini nominat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju datat l-ewwel ta' Lulju 1993 kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

B'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur, senjalment ghad-danni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jipprova li kien jezisti hajt tas-sejjieh li jiddividi il-propjetajiet imsemmija.

2. Illi inoltre ghandu jigi ppruvat illi l-allegat hajt kien sitwat fil-propjeta tal-attur.

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kkommetta ebda spoll kif qed jigi allegat u ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti;

Rat id-digriet tal-25 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Rene' Buttigieg bhala perit tekniku sabiex jistabilixxi jekk kienx jezisti l-hajt divizorju msemmi fic-citazzjoni;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-3 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

L-attur qieghed jipproponi azzjoni ta' spoll privileggjat ibbazata fuq l-artikolu 535 tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:

> *"(1) Jekk persuna tigi bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmirn xahrejn mill-ispoll, titlob b'azzjoni kontra l-awtur ta' l-ispoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-artikolu 791 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*
>
> *(2) Dan it-tqeghid mill-gdid fil-pussess jigi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-haga li taghha l-attur ikun bata l-ispoll."*

Ghalhekk biex l-attur jirnexxi fl-azzjoni tieghu, irid jipprova:
(1) li kellu l-pussess ta' dak li minnu jallega li gie spoljat, **"possedisse",**
(2) il-fatt ta' l-ispoll, **"spoliatum fuisse"**,
(3) li l-ispoll sar bil-vjolenza jew bil-mohbi, **"vi aut clam"**,
(4) u li l-azzjoni ghar-radd tal-pussess ittiehdet mhux aktar tard minn xahrejn mill-att spoljattiv, **"infra bimestre deduxisse"**.

Qabel ma jigu ezaminati dawn l-elementi fil-kuntest tal-kawza odjerna, irid jigi stabbilit l-ewwelnett jekk kienx jezisti jew le hajt tas-sejjieh li jiddividi l-proprjeta' ta' l-attur minn dik tal-konvenut stante li l-konvenut jikkontesta dan il-fatt (ghalkemm fin-nota responsiva tieghu – fol. 40 sa 43 - ghan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur jidher li irtira minn dik il-pozizzjoni); u hawn ghalhekk qed issir referenza ghall-konkluzjonijiet peritali. Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ighid testwalment:

> *"1) Illi l-esponent huwa ta' l-opinjoni li qabel ma bena l-awtur ta' l-attur li minghandu xtara l-villa, illum proprjeta' tieghu, kien hemm hajt tas-sejjieh li jaqsam l-art, illum ta' l-attur, minn dik, illum tal-konvenut.*
>
> *2) Illi qabel ma l-attur akkwista l-proprjeta' tieghu, parti minn dal-hajt kien twaqqa' mill-awtur tieghu li bena flok dil-parti hajt tal-kantun fil-parti ta' wara.*
>
> *3) Illi sussegwentement l-attur bena swimming-pool fil-parti ta' wara tal-gnien tieghu ma' genb dal-hajt tal-kantun, u anki wara li tlesta l-pool parti minn dal-hajt tas-sejjieh kien ghadu f'postu, kif jidher mir-ritratt Dok. RS3. Anki waqt ix-*

*xoghol ta' thammil ta' l-art tieghu mill-konvenut, hemm indikazzjoni fir-ritratt Dok. RS2 esebit mill-attur li dal-hajt tas-sejjieh kien ghadu hemm.*

*4) Tracci ta' dal-hajt tas-sejjieh ghadhom jidhru fil-faccata ma' genb il-hajt tal-kantun mibni mill-konvenut kif jidhru wkoll fir-ritratt Dok. BM1 esebit mill-konvenut.*

*5) Illi kif jidher wkoll fil-faccata ghat-triq u fil-parti ta' wara fejn hemm il-hajt tal-kantun mibni mill-awtur tal-attur, il-hajt tal-kantun li bena l-konvenut ma bniehx fil-prolungazzjoni tal-hajt tal-kantun li kien hemm gia' mibni, izda bnieh aktar 'il gewwa n-naha tieghu stess, u ghalhekk aktarx fuq l-art tieghu.*

*6) Illi jidher li l-hajt tas-sejjieh m'ghadux f'postu u ghalhekk kif jidher mir-ritratt Dok. RS2 gie rimoss fil-kors tax-xoghol ta' thammil tal-art tieghu mill-konvenut.*

Mela l-perit tekniku mhux biss stabbilixxa li kien hemm hajt tas-sejjieh bejn il-proprjeta' ta' l-attur u dik tal-konvenut izda anke li dan tnehha fil-kors tax-xoghol ta' thammil fl-art tal-konvenut. Biex tirnexxi l-azzjoni ta' l-attur iridu jezistu l-elementi kollha fuq imsemmija u ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tezaminahom:

***(1) Possedisse***

Il-pussess tal-haga f'min isofri l-ispoll jista' jkun ta' kwalunkwe xorta, sahansitra pussess li jitnissel minn *causa injusta* (**Cassar vs Cassar**, Vol. XXXVIII.i.123; **Vincent Chircop vs Emanuel Galea**, Prim'Awla, 26 ta' Gunju 1987; **Kan. Salvatore Ellul vs Kan. Giuseppe Farrugia**, Vol. XXXVII.ii.642)

F'**Vincenzo Sammut et vs Salvatore Camilleri** (Vol. XXXVI.ii.558) intqal:

*"Ghal din l-azzjoni l-ligi ma tirrikjedix il-prova tal-legittimita' tal-pussess turbat; u takkorda r-reintegrazzjoni anke favur il-pssessur 'in mala fede'* ***u kontra l-istess proprjetarju tal-haga li taghha jkun hemm il-pretensjoni li gie kommess l-ispoll****.... Il-pussess mehtieg fil-kawza ta' spoll 'de recenti' huwa l-pussess materjali u 'di fatto' jew ahjar kwalunkwe pussess, ikun x'ikun."*

F'**Federico Cuschieri et vs A. & I. C. Gustavo R. Vincenti** (Vol. XXX.i.165) gie ritenut:

*"Il-gurisprudenza taghna hija konkordi li l-komproprjetarju jista' jesperixxi l-azzjoni ta' 'spoglio' anki meta 'lo spogliante' jkollu l-komproprjeta' tal-haga li*

*kien vjolentement u okkultament 'spoglia'. Hekk din il-Qorti in re 'Albanese vs Albanese', 4 ta' Marzu 1872 (VI.182.col.2), 'giusta la disposizione del detto articolo 230, congiunto coi precedenti articoli 189 e coll'articolo 229, l'azione di spoglio, contemplata nel detto articolo 230, e' ammissibile constando degli estremi voluti dalla legge, anche nel caso, in cui il convenuto fosse proprietario della cosa, di cui l'attore avesse commesso lo spoglio – anche supposto un titolo di comunione, ed anche supposta una detenzione meramente precaria….' Fl-istess sens il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza 'Naudi vs Picciche', 14 ta' Marzu 1898 (XVI.ii.214); 'Tabone vs Scerri', 12 ta' Novembru 1883 (X.287)."*

Fil-kaz in ezami kien jezisti hajt tas-sejjieh li jiddividi l-proprjeta' ta' l-attur minn dik tal-konvenut. M'hemmx dubju li dan il-hajt kien komuni. Il-konvenut stess jaccettah dan fin-nota responsiva tieghu (a fol. 40) fejn jirreferi ghall-artikolu 410(1) tal-Kodici Civili li in effetti jipprovdi li "l-hajt li qieghed biex jaqsam btiehi, gonna jew ghelieqi jitqies ukoll komuni, fin-nuqqas ta'sinjal jew ta' prova ohra li turi l-kuntrarju."

Dan ifisser li kull koproprjetarju ghandu sehem ta' nofs indiviz tal-hajt intier, salv il-limitazzjonijiet fuq l-uzu tieghu stabbiliti fil-ligi. Hu ghalhekk ovvju li l-attur kellu l-pussess tal-hajt in kwistjoni u l-pussess tieghu shih, anke jekk hu pussess gawdut flimkien mal-konvenut.

**<u>(2) Spoliatum Fuisse</u>**

Mill-provi li ngabu quddiem il-perit tekniku m'hemmx dubju li l-attur gie turbat mill-pussess u godiment tal-hajt tas-sejjieh billi dan twaqqa' b'gaffa waqt li kien qed isir thammil fuq l-art tal-konvenut. Gie soddisfacentement pruvat li dan sar ukoll taht id-direzzjoni ta' l-istess konvenut. Difatti meta kien qed isir dan ix-xoghol issejhu l-Pulizija fuq il-post u mar P.S. 1243 Joseph Sant li xehed li sab lill-konvenut, l-attur u bulldozer li qed iwaqqa' xi hajt tul xi tletin pied. Mill-okkorrenza li esebixxa (dok. JS1) insibu riportat li meta acceda fuq il-post u kellem lill-partijiet irrizultalu li "kellhom argument fuq cint komuni (tas-sejjieh) li hu proprjeta' ta' tnejn".

**<u>(3) Vi aut clam</u>**

Il-ligi trid li jkun hemm ir-ripressjoni ta' att vjolenti **jew** klandestin. Huwa sufficjenti li jkun hemm ir-rekwizit tal-vjolenza jew tal-klandestinita' u mhux li jkun hemm iz-zewg rekwiziti f'daqqa (**Nazzareno Desira vs Victor Lungaro**, Vol. XLV.i.19).

Fil-kaz in ezami, m'hemmx dubju li l-att spoljattiv ma sarx klandestinament izda zgur li sar bi vjolenza kontra l-attur. Difatti sar quddiem ghajnejn l-attur, kontra l-kunsens espress tieghu u meta l-hajt beda jitwaqqa' bil-gaffa jidher li nqala' battibekk u ntalab l-intervent tal-Pulizija min-naha ta' l-attur. U galadarba l-konvenut kien jaf bl-oppozizzjoni tal-attur u nonostante cio' baqa' ghaddej bit-thammil, ma jistax ighid li ma kellux id-debita *animus spoliandi*. U huwa rrilevanti li seta' sar xi forma ta' ftehim quddiem il-Pulizija peress li l-ispoll kien diga' sar u ma gie redatt xejn *in iscritto* (transazzjoni trid issir b'kitba privata – ara art. 1718 u 1233 tal-Kodici Civili).

Il-konvenut fin-nota responsiva tieghu li ghaliha diga' saret referenza jinsisti li ma kellux bzonn tal-kunsens tal-attur una volta li l-istess attur xi zmien qabel kien huwa stess issostitwixxa parti mill-hajt tas-sejjieh b'hajt tal-kantun. Dan l-argument ma jreggix. Min seta' dehrlu li l-attur ma kellux dritt jaghmel hekk seta' jopponi bil-mezzi li ttieh il-ligi u mhux, kif ghamel il-konvenut, bil-forza. Mhuwiex validu l-argument li jidher li qieghed ivanta l-konvenut li ghamel li ghamel ghax il-ligi ttieh id-dritt. Ghall-protezzjoni tad-drittijiet tieghu wiehed ghandu jirrikorri ghall-Qorti u mhux ghal-ligi tal-gungla (**Mario Vella vs Alfred Borg**, Qorti ta' l-Appell, 17 ta' Novembru 1993). L-iskop ta' l-azzjoni ta' spoll hija r-ripressjoni ta' l-uzu tal-vjolenza privata, u r-rimedju possessorju bhala omagg tal-massima legali *spoliatus ante omnia restituendus*, ghaliex bhala mizura ta' ordni pubbliku hija diretta sabiex timpedixxi lil xi hadd jaghmel gustizzja minn jeddu u b'idejh kif ukoll ghaliex hija provvediment intiz sabiex jikkonserva u jzomm il-paci pubblika (**Elisea Cesareo vs Victor Trapani**, Vol. XXXIV.ii.594; **Dentist Pasquale Demajo noe vs Michael Mallia noe,** Vol. LXXVII.iv.359).

Ghalhekk anke dan l-element gie debitament pruvat.

**<u>(4) Infra bimestre deduxisse</u>**

L-att spoljattiv li minnu lmenta l-attur sehh fit-23 ta' Gunju 1993. Dawn il-proceduri nbdew fit-28 ta' Lulju 1993, entru t-terminu ta' xahrejn li trid il-ligi.

B'hekk gew pruvati l-elementi kollha rikjesti mill-artikolu 535 tal-Kodici Civili u ghandu jigi spurgat l-ispoll li kkommetta l-konvenut ghad-dannu ta' l-attur.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u:

(1) tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll ghad-dannu tal-attur,

(2) tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien xahrejn millum jirreintegra lill-attur fil-pussess billi jerga' jtella' l-hajt kif kien originarjament taht id-direzzjoni ta' l-A.I.C. Rene' Buttigieg li qed jigi nominat ghal dan l-iskop, u

(3) fin-nuqqas, tawtorizza lill-attur itella' l-hajt tas-sejjieh kif kien originarjament hu stess a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni ta' l-istess A.I.C. Rene' Buttigieg.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut. B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Grazio Galea
D/Registratur

# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju 1999**

**Numru 50**

**Citaz. numru 957/92 DS**

**Emilio Agius et**
**vs**
**Silvio Cassar**

Emilio Agius f’ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Atlas u ghan-nom tad-ditta Emisil
vs
Silvio Cassar

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-10 ta’ Lulju 1992 li permezz taghha l-attur proprio et nomine wara li ppremetta illi:

Il-konvenut permezz ta' Appalt wiehed inkariga lill-attur proprio et nomine jaghmillu xoghol ta' bini u aluminium, liema xoghol kien jinkludi anke l-patt li l-atturi jfornu l-materjali;

Il-prezz ta' tali fornitura u xogholijiet jammonta ghal elfejn tmien mija u disgha u tletin Lira Maltin (Lm2,839);

Il-konvenut gie inutilment interpellat ihallas:

talab ghalhekk lil din il-Qorti:

1. tikkundannah ihallas lill-attur proprio et nomine is-somma ta' elfejn tmien mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm2,839) bhala prezz ta' fornitura u xoghol kif fuq spjegat;

Bl-imghax min-notifika ta' din ic-citazzjoni u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid kawtelatorju ipprezentat fil-31 ta' Jannar 1992;

Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. illi l-azzjoni talvolta spettanti lill-attur iddekadiet bil-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(a).

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess ix-xoghol esegwit mill-attur pro et noe ma twettaqx skond l-arti u s-sengha, u dan limitament ghal-fond ta' Sliema.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati gtal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta’ April 1993 li permezz taghha ddisponiet mill-ewwel eccezzjoni tal-konvenut billi cahdet tali eccezzjoni;

Rat id-digriet tad-19 ta’ Mejju 1993 fejn gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzkono ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-13 ta’ April 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

L-unici provi li tressqu f'din il-kawza kienu dawk ta' l-attur u dawn kienu limitati ghax-xiehda tieghu u numru ta' dokumenti li esebixxa in sostenn tal-pretenzjoni tieghu. Il-konvenut ma ressaq l-ebda prova.

L-attur proprio et nomine qieghed jitlob minghand il-konvenut hlas tas-somma ta' Lm2839 ghal xoghol u materjali provdut minnu fil-proprjeta' tal-konvenut. L-eccezzjoni tal-konvenut fil-mertu hija fis-sens li x-xoghol li sar fil-fond f'tas-Sliema ma sarx skond l-arti u s-sengha u mhux dwar il-kwantum. Kien jinkombi fuqu li jipprova din l-eccezzjoni. Huwa naqas li jressaq provi u ghalhekk tali eccezzjoni trid tigi respinta.

L-attur xehed li l-konvenut kien inkarigah bhala d-ditta "Atlas" u d-ditta "Emisil" biex jibnilu xi flats f'tas-Sliema u l-Gzira u biex jaghmel xi xoghol ta' aluminiumk f'uhud mill-flats f'tas-Sliema. Waqt li kien ghaddej bix-xoghol kien jircievi xi akkonti minghand il-konvenut li, skond l-istess attur, qatt ma lmenta dwar ix-xoghol u kien ighidlu biss biex jissaporti ftit sakemm  idahhal il-flus.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku ghamel referenza ghad-dokumenti esebiti mill-attur proprio et nomine:

- kont mahrug mill-Perit Piju Busuttil dwar ix-xoghol ta' bini f'tas-Sliema, flimkien ma' kont ghad-drittijiet rpofessjonali tal-Perit;
- kont mahrug mill-Periti Raniolo and Bencini ghax-xoghol fil-Gzira;
- ittra mibghuta mill-konvenut lill-attur u zewg prospetti li jindikaw bilanc ta' pagamenti fuq ix-xoghlijiet esegwiti. L-ittra tghid li l-istatemtn mahrug mill-attur ma jaqbilx ma' l-istatement ta' l-istess konvenut u ghalhekk il-konvenut stieden lill-attur biex jiltaqghu u jirrizolvu l-kwistjoni amikevolment. It-tieni pagna ta' l-istess dokument jikkonsisti f'prospett ta' pagament illi jidher li saru mill-konvenut lill-attur fuq ix-xoghol esegwit. Hawn wiehed irid jinnota li hemm miktub ukoll "agreed on 25/3/91 Lm2839.20 + three months interest", u that hemm l-ismijiet Emilio, Silvio and Joe. It-tielet pagna ta' l-istess dokument huwa prospett iehor li jsemmi li hemm bilanc dovut in kwantu ghax-xoghol tas-Sliema ta' Lm2820, u tahtu prospett ta' pagamenti dovuti mill-konvenut in rigward tax-xoghlijiet fil-Gzira. Dawn kolha jammontaw ghal Lm5615 u tahthom hemm zieda ta' 8% interessi mill-1 ta' Jannar 1989 sal-ahhar ta' Dicembru 1990. B'kollox il-bilanc dovut gie jammonta ghal Lm6164. Jidher li sar pagament akkont ta' Lm3475 li jhalli ghalhekk bilanc ta' Lm2689. Taht dan hemm nota li ma tidhirx li hi l-istess kalligrafija u li tghid "Sliema

railings paid Lm250 (receipt either missing or was not issued). Please check."

Il-perit tekniku, b'referenza ghall-ahhar dokument, josserva li kieku kellha tinghadd din is-somma ta' Lm250 mal-bilanc dovut ta' Lm2689 jirrizulta total ta' Lm2939, jigifieri Lm100 aktar mill-ammont pretiz, "u li ghalhekk jista' jirrizulta illi saret in-nota fit-tieni pagna fejn jinghad illi fil-25 ta' Marzu 1991 gie miftiehem illi l-bilanc kellu jkun ta' Lm2839.20 u tliet xhur interessi." L-ammont ta' Lm2839 huwa fil-fatt l-ammont li l-attur proprio et nomine qieghed jitlob bic-citazzjoni odjerna. Fid-dawl ta' dan u tal-fatt li l-konvenut ma ressaqx provi, il-perit tekniku kkonkluda li l-provi migjuba "juru b'mod soddisfacenti illi kien sar ix-xoghol, kien sar pagament akkont pero' kien fadal bilanc u dana l-bilanc jidher ukoll illi gie miftiehem u mnaqqas billi x'aktarx illi kien hemm bilanc akbar illi kien gie mitlub."

Il-Qorti, minn ezami tad-dokumenti esebiti u tax-xiehda ta' l-attur taqbel pjenament mal-konkluzjoni tal-perit tekniku. Difatti l-konvenut kellu opportunita' bizzejjed biex, kieku ried, seta' jressaq provi in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu, izda dan m'ghamlux. Ghalhekk ukoll il-provi ta' l-attur ma gew bl-ebda mod kontradetti, anzi d-dokumenti esebiti jsostnu t-talba tieghu.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' Lm2839 bhala prezz ta' fornitura u xoghlijiet kif mitlub. Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur

# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 4 ta' Gunju 1999**

**Numru 26**

**Citaz. numru 1072/91 DS**

**Julian Attard**
**vs**
**Marco Maniscalco**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li pprezentata fit-22 ta' Ottubru 1991 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Fit-30 ta' April 1990 il-konvenut kien involut f'kollizjoni f'Marsaxlokk bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni C-7950 misjuqa minnu u l-vettura A-5918 propjeta tal-attur u misjuqa minnu (Dokument A)

Din il-habta grat unikament minhabba imprudenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Il-konvenut ghalhekk interpellat biex jersaq ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni, baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjarah responsabbli ghall-incident fuq imsemmi.

2. tillikwida id-danni hekk kagunati lilu.

3, tikkundannah ihallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja u tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar 1991 bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali, il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-incident tat-30 ta' April 1990 imsemmi fic-citazzjoni ma garax b'tort tieghu izda b'tort ta' l-istess attur li qabad u hareg ghal fuq Triq il-Felukka, Marsaxlokk (triq ta' certa importanza minn fejn kien ghaddej l-eccipjent) minn sqaq dejjaq, imharbat u bla isem.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Dicembru 1991 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Joseph Zammit McKeon bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-5 ta' Frar 1999;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Effettivament, wara li l-Qorti ezaminat il-provi li tressqu, u cioe' x-xiehda li nghatat u d-dokumenti esebiti mill-partijiet, issib li ftit ghandha xi tghid dwar dak li kkonkluda l-perit legali.

Jidher li huwa ghamel apprezzament tajjeb u gust tal-provi li ressqu l-kontendenti u applika korrettement il-principji ta' dritt li jirregolaw il-kaz. Ghalhekk, il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali u dan ghar-ragunijiet indikati fl-istess relazzjoni li qeghdin jigu addottati.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Grazio Galea
D/Registratur